**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**

**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT DR. SIMONE GRECH B.A. LL.D. MAG. JUR. (EUR. LAW)**

**Kumpilazzjoni numru 143/2019**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Andrew Agius)**

**vs**

**Valentina Bezzina**

**Jessie Valentino Poquiz**

Illum, 7 ta' Ottubru, 2024

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni mressqa kontra **Valentina Bezzina** ta' 71 sena, detentriċi tal-karta tal-identità bin-numru 943647(M), u **Jessie Valentino Poquiz**, ta' 30 sena, detentur tal-karta tal-identità bin-numru 116549(A), li permezz tagħha ġew akkużati talli:

*"nhar il-15 ta' Marzu 2018 ghall-habta ta' bejn is siegha (01:00hrs) u is-sebgha (07:00Hrs) ta' filghodu gewwa l-Isptar Monte Karmeli, Attard b'nuqqas ta'*

*hsieb, bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew profesjoni taghkom, jew b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, ikkagunajtu il-mewt ta' Joseph Attard."*

Rat id-dokumenti kollha eżebiti;

Semgħet ix-xhieda prodotti;

Rat li l-atti tal-inkjesta miftuħa, ġew eżebiti f'dan il-proċess u li n-nomina tal-esperti kollha nominati fl-inkjesta, ġiet ikkonfermata.

Rat l-atti tal-inkjesta u r-rapporti tal-esperti;

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali, li talbu li tista' tinsab ħtija (jew ħtijiet) taħt dak li hemm maħsub: -

- Fl-Artikoli 17, 31 u 533 tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;
- Fl-Artikoli 225(1) tal-Kodiċi Kriminali, Kapitolu 9 tal- Liġijiet ta' Malta;

Rat li l-imputati ma kellhomx oġġezzjoni li dan il-każ jiġi trattat bil-proċedura sommarja;

Rat l-atti proċesswali kollha tal-każ odjern u d-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha ta' din il-kawża;

Semgħet trattazzjoni tal-partijiet;

Rat li din il-kawża ġiet differita għas-sentenza;

**Ikkunsidrat:**

<u>**Xhieda mismugħa *viva voce* quddiem din il-Qorti**</u>

Fis-seduta tat-12 ta' April, 2019, xehed **Dr. Lennox Vella,** li spjega li huwa kien maħtur mill-Maġistrat Inkwirenti Dr Joseph Mifsud, fl-inkjesta, sabiex jiġbor ix-xhieda u kopji ta' xi dokumenti relevanti u jagħmel konklużjonijiet relattivi fl-inkjesta.

Fis-seduta tat-12 ta' April, 2019, xehed **l-Ispettur Elton Taliana,** li spjega li fil-15 ta' Marzu, 2018, kien ġie nfurmat mis-Surġent WPS 301, illi kien hemm pazjent bl-isem ta' Joseph Attard, ġewwa Ward 8B fl-Isptar Monte Carmeli, li kien iddaħħal l-Isptar Mater Dei, fejn ingħata CPR. Spjega li ftit tal-ħin wara, u ċioè għal ħabta tal-għaxra ta' filgħodu, huwa miet. Xehed li huwa nforma lill-Maġistrat Inkwirenti b'din l-informazzjoni u nħatru diversi esperti, u mill-inkjesta rriżulta li tnejn min-nies, u ċioè Valentina Bezzina u Jessie Valentino Poquiz kienu fuq il-qadi ta' dmirijiethom, u suppost kienu qegħdin *constant watch* ma' Joseph Attard. Ġie spjegat li rriżulta, li fil-ħin illi l-akkużati kienu qegħdin għassa miegħu, Joseph Attard deher jagħmel xi movimenti. Spjega li Joseph Attard kien jidher jitriegħed f'xi ħin u jieqaf. Qal illi dawn iż-żewġ persuni kienu *on a night shift duty* u li l-vittma kien miet ftit wara li ddaħħal l-isptar bl-ambulanza, għal ħabta tal-għaxra ta' filgħodu. Saħaq illi matul dak il-lejl, kien hemm erba' min-nies fuq *constant watch*, Jesmond Micallef, Valentina Bezzina, Maria Johanna Rubio u Jessie Valentino Poquiz, però Maria Johanna Rubio u Jesmond Miċallef ma ġewx akkużati.

Nhar l-20 ta' Mejju, 2019, xehdet **WPS 301 Lorraine Vella,** li spjegat li fil-15 ta' Marzu 2018, il-Pulizija kienu ġew infurmati minn Mater Dei, li kien iddaħħal persuna minn Mount Carmel bl-ambulanza, u li kien qiegħed jingħata CPR, iżda kwarta wara ġew infurmati li l-pazjent kien miet. Xehdet li hija marret Mater Dei, fejn rat lill-vittima mejjet u wara marret Mount Carmel u tkellmet man-*nurses* kollha. Qalet li hija tkellmet ma' Arnold Vincent Ramos, li kien in-*nurse* li daħal miegħu l-isptar bl-ambulanza, fejn kien infurmah li filgħodu, il-*cleaner* daħal inaddaf u rah mhux qiegħed sew, bil-konsegwenza li dan informa lin-*nurses*. Kompliet tgħid li hija kienet tkellmet man-*Nursing Officer* John Farrugia, li kien qalilha li sad-08:45am, kien jidher sew u qal li miegħu suppost kellu *constant watch* lil Johanna Rubio, matul il-lejl bejn is-07:00pm sa 07:00am, u filgħodu bidlitha Sally Hunt. Hija kienet infurmat lill-Ispettur, u l-Ispettur kien informa lill-Maġistrat, li kien ħatar xi esperti biex jgħinuh fl-

inkjesta. Stqarret li kienu għamlu *search* fis-sodda u fil-*locker* tal-vittma, fil-preżenza tan-*nurses*, però ma kien instab xejn irregolari, u żiedet li kien hemm ukoll xi *CCTV cameras*.

**Jesmond Camilleri** xehed nhar is-17 ta' Frar, 2020, fejn spjega li huwa jaħdem ġewwa Mount Carmel bħala *Cleaner* u nhar il-15 ta' Marzu, 2018, huwa kien daħal bħas-soltu fit-8:00am, biex jaħsel il-Ward 8B, fejn ra lill-vittma waħdu fil-ward, mikxuf b'wiċċu l-isfel fuq is-sodda, u minkejja li beda jgħajjatlu, dan ma bediex iwieġbu. Kompla jgħid li huwa mar jgħajjat lil ta' fuqu, u ċioè lin-Nursing Officer, Johnny, biex imur jara x'kien ġara.

Jesmond Camilleri reġa' xehed nhar it-28 ta Lulju, 2021, fejn spejga li huwa fattiga fl-Isptar Mount Carmel, u b'referenza għall-inċident in kwistjoni, qal li kien sab lil xi ħadd mejjet, u kien għajjat lin-*Nursing Officer* tas-sala, John Farrugia, għax beda jipprova jgħajjat lill-pazjent, iżda ma bediex iwieġbu. Qal li wara li għajjat lil Johnnie, huwa ħareġ mis-sala u ma jafx x'kien ġara iktar. Saħaq li kien hemm bejn 10 u 15-il pazjent ieħor fis-sala, iżda kollha kienu laħqu ħarġu. Qal li huwa kien daħal jaħsel il-ward fit-8:00am.

Fis-17 ta' Frar, 2020, xehed **John Farrugia,** li spjega li fiż-żmien tal-inċident, kien jaħdem ġewwa Mount Carmel bħala *Deputy Charge Nurse*, u dakinhar tal-inċident, huwa kien daħal għax-xogħol normali. Qal li kien innota mis-*CCTV,* li wieħed mill-pazjenti ma kienx qiegħed jiċċaqlaq, u kien mar jipprovdi l-għajnuna. Spjega li kien jibda xogħol fis-7:00am, u l-ewwel ħaġa li kien jagħmel kif jidħol ix-xogħol kien, li jmur hdejn il-*Managers* tiegħu, biex jara kienx seħħ xi ħaġa mal-lejl. Wara kien imur ħdejn in-*nurses* u wara kien imur fl-uffiċju tiegħu. Xehed li quddiemu kellu *monitor*, bi tnejn u tletin *camera*, u meta ra lill-pazjent Joseph Attard, li kien Male Ward 8B, ma jiċċaqlaqx, beda inizjattiva biex jara x'kien ġara biex jgħinuh. Xehed li fil-*ward* kien hemm *nurse* ieħor li kien qiegħed jagħmel xi xogħol, u kien hemm ukoll *cleaner* bl-isem ta' Jesmond. Qal li huwa kien mar ħdejh u nduna li kellu bżonn l-għajnuna. Kien għalhekk li huwa għajjat *nurse* biex tmur toqgħod mal-vittma, sakemm mar jgħajjat *team* sabiex jagħmlu s-CPR, u ċempel lill-Emergenza sabiex jiġu jagħtu l-għajnuna tagħhom. Kompla jgħid li huwa kien innota, li ma kienx qiegħed jiċċaqlaq, u ma kienx hemm sinjali li kien qiegħed jieħu nifs, tant li ma kienx irnexxielu jsiblu l-polz.

Xehed li l-pazjent Joseph Attard, ma kellux bżonn ta' iktar sorveljanza minn ħaddieħor. Madanakollu spjega li l-lejl ta' qabel, il-pazjent ma kienx tajjeb, peress li kienu innutaw li ma kienx normali, tant li kienu ġabu t-tobba darbtejn. Iċċara li lejliet li miet, il-pazjent ma kienx qiegħed jaġixxi normali. Kien beda jagħmel affarijiet li ma kienx jagħmel is-soltu, bħal per eżempju, kien beda jinża' l-qalziet, u meta raw hekk, kienu għajtu lit-tobba, li kienu tawh xi mediċina, iżda ma kienu ħarġu l-ebda ordni biex il-vittma jingħata iktar importanza.

In kontroeżami, spjega li apparti *Deputy Nursing Officer,* huwa kien ukoll *Acting Nursing Officer,* iżda ma ftakarx kemm kien hemm pazjenti fil-*ward* f'dak iż-żmien. Xehed li meta mar ħdejn il-*managers*, dawn ma kienu qalulu xejn fuq il-vittma. Kompla jgħid li jiftakar biss li dakinhar tal-inċident, kien hemm Sally Hunt *duty*, iżda ma kienet qaltlu xejn fuq il-vittma. Mistoqsi x'ħin kien li nġibdiltu l-attenzjoni li xi ħaġa ma kinitx sewwa, huwa qal li kien bejn it-8:00am u 9:00am meta huwa kien qiegħed jara l-*monitors* tal-uffiċju tiegħu. Xehed li huwa jaħdem sas-7:00pm, u lejlet l-inċident, u ċioè bejn il-5:00pm u 7:00pm, kienu raw komportament stramb fl-imġieba tal-pazjent, u bagħtu għat-tabib, iżda ma jiftakarx liema tabib mar jarah. Semma illi bħala parti minn xogħolhom, in-*nurses* jiktbu, kemm *Nursing Report* u kemm *Hand Over Report,* sabiex iżommu rapport ta' kif ikun għadda l-ħin tiegħu l-pazjent matul il-ġurnata u matul il-lejl. Kompla jispjega li jkun hemm ukoll *Report Book*, li jgħaddi minn xift għall-ieħor, biex in-*nurses* ikunu jafu xi jkun ġara, liema notamenti jinżammu ġewwa s-sala, fl-arkivju. Xehed li dakinhar tal-inċident, kienu marru l-Maġistrat u Avukat, u ma kinux urewh in-notamenti, iżda l-Maġistrat kien talabhom is-*CCTV*. Qal illi normalment, ikun hemm bejn tlieta u erba' *nurses*.

B'referenza għall-*Logbook File,* xehed li ma kienx urewh lill-Maġistrat jew lill-Avukat, għax ma kinux talbu sabiex jarawh, iżda kien l-*IT Officer* li kien ta is-*CCTV footage*. Mitlub sabiex jippreżenta l-*file* tal-pazjent, huwa spejga li ma jistax joħroġ il-*file* mill-isptar u mistoqsi dwar x'għamel fuq il-pazjent dakinhar tal-inċident, huwa spejga li ma setax isiblu l-polz, però ma setax jgħid jekk kienx għadu ħaj jew mejjet.

Kompla jgħid li fiż-żmien tal-inċident, ma kienx hemm reġistru li jirregola l-ħinijiet eżatt ta' meta n-*nurses* ikunu qegħdin josservaw, iżda din il-proċedura inbidlet u ħarġet *policy,* li kollox ikun dokumentat. Saħaq illi biex persuna jkollha *constant watch,* l-ordni trid toħroġ mit-tobba, u meta huwa jgħajjat tabib biex imur jara pazjent, dan jitniżżel fuq in-*Nursing Report,* u t-tabib jagħmel in-notamenti, u din l-informazzjoni tinżamm ġol-Medical File, li jinżamm ġewwa Mount Carmel.

Nhar is-17 ta' Frar, 2020, xehed **Oswald Balzan** fil-kapaċità tiegħu ta' *Medical Records Officer* ġewwa Mount Carmel, fejn ġie mitlub biex jgħid il-perjodu ta' meta kien hemm Joseph Attard. Xehed li l-aħħar li kien daħal l-Isptar Mount Carmel kien, fit-12 ta' Jannar, tal-2018, sakemm miet fil-15 ta' Marzu, tal-2018.

Oswald Balzan kompla jixhed nhar it-22 ta' Ġunju, 2021, fejn spjega li huwa jaħdem fil-Medical Records ta' Mount Carmel u ppreżenta kopja tal-*file* ta' Joseph Attard, bil-karta tal-identità numru 237772M, ossija volum wieħed biss, għax wara li miet Joseph Attard, it-tieni volum ma kienx mar lura Mount Carmel.

Xehed **Mark Grech** nhar is-17 ta' Frar, 2020, fejn esebixxa kopja tad-dokumenti li kien hemm fil-*files* taż-żewġ impjegati, Valentina Bezzina u Jessie Valentino Poquiz.

Nhar id-9 ta' Diċembru, 2020, xehdet **Gina Said,** li spjegat li dakinhar tal-inċident, hija kienet infermiera fil-Male Ward 8B ġewwa Mount Carmel, u kienet taħdem mal-Health Mark. Kompliet tgħid li dakinhar tal-inċident, hija kienet xogħol mis-7:00am sas-7:00pm, u tiftakar li kienu qegħdin iqassmu l-pilloli. Spjegat li l-vittma Joseph Attard, ma kienx mar għall-pilloli bħal ma kienu marru l-oħrajn, u dan kien bejn wieħed u ieħor għall-ħabta tas-7:30am u 8:00am. Kien għalhekk li xi ħadd kien mar jara x'kien ġralu u ma kienx beda jwieġbu. Minħabba f'hekk, kienu ċemplu mill-ewwel għat-tobba. Qalet li hija kienet baqgħet tqassam il-pilloli, u meta daħlet fil-kamra, it-tobba kienu diġà bdew jagħmlu xogħolhom, iżda ma ftakritx kemm kien hemm *nurses* b'kollox. Saħqet li ż-żewġ imputati, ma kinux xogħol matul il-ġurnata, għax kienu xogħol bil-lejl, u l-vittma kien beda jagħmel affarijiet mhux tas-soltu, bħal iħabbat rasu mal-ħajt. Spjegat li t-tobba kienu konxji ta' din is-sitwazzjoni, tant li kienu ordnaw trattamenti biex jingħataw lill-vittma. Xehdet li Joseph Attard kien persuna indipendenti, kien jagħmel kollox waħdu, u kompliet tispjega li wara li marru t-tobba, kienu ċemplu għall-ambulanza u ħaduh l-isptar. Spjegat li l-akkużati kienu *night duty,* għax kienet rat isimhom fuq il-lista tal-ismijiet ta' min ikun xogħol, filwaqt li kompliet tgħid, li *night duty* ikun bejn is-7:00pm sas-7:00am, u *day duty* ikun bejn is-7:00am u s-7:00pm, filwaqt li kompliet tispjega, li ġieli kien ikun hemm min jaħdem bejn is-7:00am u 1:00pm u mis-1:00pm sas-7:00pm.

In kontroeżami, ix-xhud spejgat li fin-*night duty,* kien hemm erba' ismijiet ta' *nurses* imniżżlin, li kienu Valentina, Jessie, Jesmond Micallef u xi ħadd Rubio, u qalet li dejjem ikun hemm xi ħadd quddiem il-*monitors*. Spjegat li dawn kienu jitqassmu skont kemm ikun hemm *staff,* filwaqt li kompliet tispjega, li jekk ikunu erba' *nurses,* kienu jieħdu, eżempju, tliet siegħat kull wieħed.

In ri-eżami, ix-xhud qalet li meta jibda x-xift ta' matul il-ġurnata, il-persuna li tkun ħadmet bil-lejl, taqra r-rapport lill-persuna li tkun se taħdem matul il-ġurnata u xehdet li magħha fix-xift, kien hemm erba' nurses oħra żgur.

Georgina Said reġgħet xehdet nhar it-22 ta' Ġunju, 2021, fejn spjegat li kienet infermiera ġewwa l-Isptar Mount Carmel meta seħħ l-inċident. Spjegat li l-imputati Valentina u Jessie kienu jaħdmu magħha bħala infermiera, fil-Male Ward 8B. Xehdet li dakinhar tal-inċident, hija kienet xogħol mis-7:00am sa 7:00pm, u kienet inkarigata mill-preparamenti tal-pinnoli. Qalet li dakinhar, il-vittma ma kienx mar għall-pinnoli tiegħu ,u dak il-ħin kien hemm il-fattiga fil-*ward,* li meta sejjaħlu darbtejn, il-vittma ma wieġbux. Spjegat li għalhekk, dan mar ikellem lin-*Nurse in Charge,* u ċioè John Farrugia, li mar jara x'ġara, filwaqt li hija baqgħet mal-pinnoli. Sadanittant, *staff* ieħor beda l-proċeduri li kien hemm bżonn, u ċioè daħlu bis-CPR u ġew it-tobba. Saħqet illi l-vittma kien jabbuża mid-droga, u li fl-aħħar ftit ġranet, l-imġieba tiegħu ma kinitx waħda normali, għax normalment huwa kien pazjent kwiet. Qalet li kien beda jmur fit-tieqa u jitkellem max-xejn u t-tobba kienu infurmati b'dan l-aġir. Qalet li t-tobba kienu qegħdin jarawh ta' spiss u kien qiegħed jingħata t-trattament kollu li kien qiegħed jiġi ordnat lilu, iżda ma kien hemm l-ebda istruzzjoni li jingħata xi attenzjoni speċifika.

Xehed **PC 636 Brandon Pullicino** nhar l-14 ta' Mejju, 2021, fejn spjega li huwa kien xogħol *first watch* dakinhar tal-inċident, u għall-ħabta tat-8:30am, kienu ġew infurmati li kien hemm persuna li qiegħed jiġi trattat l-Isptar Mater Dei. Qal li hu kien ix-xufier li wassal lis-Surġent tiegħu, PS 301, Mater Dei, iżda wara ftit tal-ħin, kien ġie ċċertifikat mejjet. Kompla jgħid li s-Surġent kienet talbitu jwassalha Mount Carmel, fejn fuq il-post kien hemm ukoll PS 950. Spjega li dakinhar tal-inċident, huwa kien qiegħed stazzjonat Birkirkara, fil-15 ta' Marzu, 2018, u kien daħal mas-Surġent ġewwa l-Emerġenza u l-vittma kien qiegħed ġo *recess,* però ma ftakarx jekk kienx għadu ħaj dak il-ħin.

**L-Ispettur Andrew Agius** xehed nhar it-22 ta' Ġunju, 2021, u ppreżenta ċertifikat tal-mewt ta' Joseph Attard, maħruġ minn Dr Ali Safraz, li jistipula li l-istess Joseph Attard miet kawża ta' *Pulmonary Thromboembolism.*

Nhar it-22 ta' Ġunju, 2021, xehed **Jesmond Micallef,** li jaħdem bħala *Charge Nurse* responsabbli mill-Emerġenza, u dak iż-żmien tal-inċident, huwa kien stazzjonat fid-Dipartiment tas-Saħħa, mhux speċifikament Mount Carmel. Huwa spjega li l-vittma kien ingħata CPR fit-8:30am. Qal illi skont il-*Hand Over Book* tan-*Nurses*, fit-8:30am minn kien responsabbli ħass "*very faint pulse*" tal-vittma, u kien għalhekk li huwa għajjat lin-*nurses*, tobba, u beda is-CPR u sejħu għall-ambulanza. Is-CPR kien tkompla ġewwa l-ambulanza u huwa kien miet ġewwa ir-Resuscitation Room fl-Isptar Mater Dei.

**Marie Johanna Rubio** xehdet nhar it-22 ta' Ġunju, 2021, fejn spjegat li fis-sena 2018, kienet impjegata tal-Healthmark, fil-kapaċità ta' *Staff Nurse,* u kienet taħdem Mount Carmel, fejn hemm ħadmet bejn is-snin 2016 u 2019. Spjegat li meta miet Joseph Attard, hija kienet xogħol matul il-lejl u hija kienet ġiet infurmata li kien miet. Xehdet li hija kienet taħdem bħala *Staff Nurse* u għarfet lill-imputati fl-awla. Spjegat li Joseph Attard miet matul il-ġurnata, iżda dak il-ħin hija ma kinitx xogħol, u l-aħħar li rat lill-vittma kien għal ħabta tal-5:30am, meta mar jistaqsi għal sigarett. Hi kienet saqsietu jekk kienx tajjeb, u hu kien għamel mossa b'rasu, biex juriha li kien jinsab tajjeb. Kompliet tgħid li hija kienet telqet mix-xogħol fis-7:00am u reġgħet daħlet lura x-xogħol fis-1:00pm, għax kienet taħdem *overtime.* Spjegat li Mr. Jean kien *in charge* mill-*ward* fejn kien jinsab il-vittma, f'liema ward kien hemm pazjenti bil-vizzju tad-droga, iżda ma kellhomx bżonn kura speċifika.

In kontroeżami, mistoqsija dwar meta Joseph Attard mar jitlobha sigarett, hija xehdet li wara, huwa reġa' mar fis-sodda tiegħu. In oltre, mistoqsija dwar kienx qiegħed jiġi mmoniterjat, hija qalet li ma taħsibx li kien qiegħed jiġi mmoniterjat, u li ma kienx hemm *constant watch* fuqu. Saħqet illi Valentina, Jessie u Jesmond kienu xogħol fl-istess xift tagħha.

Nhar it-22 ta' Ġunju, 2021, xehdet **Sally Hunt,** *Staff Nurse* f'**Ward 8B** Mount Carmel Hospital, u spjegat li dakinhar tal-inċident, hija kienet xogħol matul il-ġurnata, bejn is-7:00am u 7:00pm. Saħqet li l-ġurnata ta' qabel l-inċident, u ċioè fl-14 ta' Marzu, 2018, hija kienet xogħol bejn is-7:00am u 7:00pm. Xehdet li l-vittma kien ilu jkollu

mġieba stramba għal tlett ijiem, kien fi stat ta' *psychosis,* fejn huwa ma kienx jaf x'qiegħed jagħmel, kien qiegħed idur għarwien fil-*ward*, jgħajjat barra mit-twieqi, jagħmel *toilet* fil-*pantry*, jidħol u joħroġ mis-sodod tal-pazjenti l-oħra, u kienet saqsiet għall-ħames tobba, ħames darbiet matul dik il-ġurnata, minħabba l-imġieba stramba tiegħu. Xehdet li Joseph Attard kien ta' perikolu għalih innifsu; kien beda jpejjep is-sigaretti bil-kontra u kien ħaraq ilsienu kollu. Kien beżaq it-tabakk fuqha u ma setgħux imorru qrib tiegħu, għax kien sar vjolenti. Qalet li ġurnata qabel l-inċident, kienet marret omm il-vittma u nfurmathom li taf l-istat li kien fih binha, u li xtaqet tarah, iżda minħabba l-kunfidenzjalità tal-pazjenti l-oħra, ma ingħatatx permess, kif ukoll minħabba l-istat vjolenti li kien fih il-vittma. Kompliet tgħid li fil-5:00pm, Dr. Krissie Law, li kien *Senior Doctor,* kien mar jara lill-vittma, u kien iddeċida li jpoġġi lill-vittma fuq "*schedule two*", li kienet ordni ta' osservazzjoni u setgħet tingħatalu titqiba kontra l-volontà tiegħu, fi stat ta' emerġenza, għax kien ilu jirrifjuta li jingħata l-pinnoli għal diversi ġimgħat, u kien għalhekk li kien fi stat ta' "*psychosis*." Qalet li preċedentament, huwa kien fi stat ta' dipressjoni u ma riedx joħroġ mis-sodda, iżda ftit tal-jiem qabel l-inċident, kien fi stat ta' "*hypomonia*" u vjolenza estrema. Spjegat li t-tobba kienu ddeċidew li ma setax jibqa fil-Ward 8B, u li kellu bżonn imur f'*secure unit* sabiex jitpoġġa f'post żgħir, fejn jista' jkun osservat. Ix-xhud kompliet tgħid li kien hemm *managment* ħażin, u ma kienx hemm spazju biex il-pazjent jitqiegħed fejn kien ġie ssuġġerit li jiġi mqiegħed. Qalet li fl-istess ġurnata, kien hemm pazjent ieħor bil-laqam ta' "Taplawi", li kien vjolenti u xtaq li jħebb għall-vittma.

Spjegat li n-*nurses* kienu responsabbli li jaraw, li Joseph Attard ma jiġix attakkat minn Taplawi, li dakinhar stess kien qabad pinna u prova jattaka lil xi nies. Spjegat li sar tentattiv biex Taplawi jiddaħħal f'*maximum secure unit*, iżda dakinhar il-*maximum secure unit* ma setgħux iżommuh, u spiċċaw b'żewġ pazjenti vjolenti fl-istess *ward*. Qalet li kienu taw "*injection of seranese,*", li kienet *mood stabiliser* lil Joseph Attard, għax wara tlett ijiem ma jorqodx, kellu bżonn jorqod. Minħabba li huwa beda jirrifjuta kull trattament, kienu tawh ammont żgħir ta' 2.5mg fil-muskoli. Qalet li hija kienet tat il-*hand over* lil tan-*night shift*, jiġifieri lil Jessie Valentino Poquiz, Valentina Bezzina, Johanna Rubio u Jesmond Micallef. Kienet qaltilhom li Joseph Attard kien tpoġġa fuq *level 1*, biex jiġi osservat b'mod kostanti, minħabba li kien hemm il-biża li seta' jiġi mweġġa minn pazjent ieħor. Kompliet tgħid li kien is-*Senior Doctor,* li kien ta dawn l-istruzzjonijiet biex jitpoġġa ġo *secure unit,* u hi fir-rapport tagħha kienet kitbet, li kellu jsir dan, iżda dan baqa' qatt ma seħħ, tant li huma kienu ser jaħdmu biex imexxu lil George f'unit oħra, biex ma jkunx jista' jweġġa lil Joseph, filwaqt li lil Joseph ipoġġuh ġo post iżgħar, sabiex ikun jista' jiġi ssorveljat f'post iżgħar, u mhux f'*ward* kbira. Xehdet li kellhom istruzzjoni mit-tabib, illi josservawh b'mod kontinwu u jaraw jekk is-Serenace kinitx qiegħda taħdem, minħabba li setgħet tikkalma l-pazjent, u li jekk il-

pazjent kien jirrifjuta t-*tablet*, kellhom jagħtuh *injection* oħra bejn l-10:00pm u l-11:00pm, kif fil-fatt ġara. Saħqet illi kien hemm nuqqas ta' *staff, management* ħażin, u l-uffiċju tas-*Senior Nursing Officer* ma setgħux jibgħatu lil ħadd għal *level 1*, għalkemm saħqet li ma kienx hemm skop, għaliex ħadd ma seta' jpoġġi ħdejn il-pazjent il-ħin kollu, għaliex huwa kien il-ħin kollu jdur u George kien moħħu fih. Kompliet tgħid li pazjent ieħor kellu jmur l-isptar u hija saħqet illi Jessie kellu jmur l-isptar miegħu, u kien għalhekk li sa fejn taf hi, spiċċaw tliet *nurses* ma' sittax-il pazjent, li kienu kollha jabbużaw mid-droga, u potenzjalment kienu kollha vjolenti. Kompliet tgħid li l-għada, u ċioè fil-15 ta' Marzu, reġgħet kienet xogħol u sabet lil Gina Said tipprepara l-pinnoli, iċċekjat ir-*Report Book* u rat li Joseph Attard kien irnexxielu jorqod wara li kien ħa tażża te ma' George, għal ħabta tal-5:00pm. Qalet li fir-rapport kien hemm miktub, li hu beda jimsaħ l-art biż-żarbun tiegħu. Kompliet tgħid li dak il-ħin hija ferħet, għax ħasbet li fl-aħħar, Joseph seta' jistrieħ, għax it-titqiba bdiet taħdem, u kien għalhekk li hija bdiet tagħmel it-te, għaliex il-pazjenti kienu bdew iqumu.

Xehdet li George kien ġa qam u beda jistaqsi għal te, u n-*nurses* bdew jagħmlu t-te u l-ħobż, iżda meta Joseph Attard ma marx jieħu l-pinnoli, John Farrugia li kien *Deputy Charge Nurse* kien għajjat lil Gina. Gina għajtet lilha biex tmur tara kif kien Joseph Attard, u filfatt hi u Gina marru jaraw lil Joseph Attard, u ċċekjaw il-polz, b'John Farrugia jgħid li kellu polz baxx ħafna, u kienet intalbet l-għajnuna. Kompliet tgħid li dak il-ħin, huma dawwruh u hi nħasdet, għax kienet ilha tafu lil Joseph għal snin, u bdiet taħseb li kienet qiegħda tagħtih xi *stroke*. Qalet li għajtet lin-*nursing staff* biex tgħaġġel u tmur, għamlet ċert li Johnnie għajjat lis-CPR *team*, biex iġibu l-*emergency trolley* u jieħdu lill-pazjent barra mill-*ward*. Spjegat li hija kienet ser tagħmel is-CPR, iżda minħabba li l-vittma kien ikbar minnha, il-*carer* ħa l-inkarigu, żewġ tobba marru u ħadu l-inkarigu, u hija ħadet nota ta' kollox. Qalet li waslet l-ambulanza u komplew bit-trattamenti u ħaduh l-isptar. Ix-xhud esebiet in-notamenti li kienet ħadet dakinhar tal-inċident, u żiedet tgħid li l-ġurnata ta' qabel, kienu marru jarawh il-Caritas, għax huwa kien persuna vulnerabbli hafna.

Nhar it-18 ta Ottubru, 2023, xehed J**essie Valentino Poquiz,** li spjega li huwa kien jaħdem ġewwa pajjiżu, Mangatarem Pangasinan, Philippenes, għal aktar minn għaxar snin, u wara beda jaħdem f'Malta mal-Healthmark, u ilu għal aktar minn seba' snin bħala *Nurse*. Qal li qabel l-inċident, huwa kien ilu jaħdem Mount Carmel għal erba' snin u kien assenjat jaħdem ġo Ward 8B, fejn kien jieħdu ħsieb persuni li jabbużaw mid-drogi, liema *ward* kienet ingħalqet, u issa qiegħed jaħdem ma' kumpanija oħra. Huwa spjega *shift night duty* ifisser bejn is-sebgħa ta' filgħaxija u s-sebgħa ta' filgħodu, tul liema kienu inkarigati li jagħtu l-mediċini lill-pazjenti għal-habta tat-tmienja jew

id-disgħa ta' filgħaxija. Spjega li jekk kien ikun hemm bżonn li pazjent imur l-isptar, wieħed minn *nurses* kien jakkumpanjah. Qal li normalment, jekk kien ikun hemm tliet *nurses*, kienu jistaqsu għal *nurse* ieħor, biex kien ikun hemm erba' *nurses* fil-*ward*, u jekk kien ikun hemm bżonn ta' *Level One Nurse,* kienu jistaqsu lill-*management* biex jipprovdu *nurse* għal-*level one* fuq pazjent. Xehed li dakinhar, huwa ma kienx *on duty*, iżda kienu ċemplulu, minħabba li wieħed minn *nurses* kien ma jiflaħx u daħal hu fit-tmienja ta' filgħaxija, sabiex jakkumpanja pazjent Mater Dei, u wasal lura Mount Carmel f'nofs il-lejl. Kif wasal, ra li l-karta li jiktbu fuqha l-ismijiet biex jaraw is-*CCTV*, kienet mimlija diġà. Spjega li l-proċedura kienet, li min imur Mater Dei, meta jasal lura ma jarax is-*CCTV*, iżda ntebaħ li minkejja li huwa kien akkumpanja pazjent Mater Dei, ismu xorta kien miktub fuq il-karta tas-*CCTV*, għalkemm ma kienx suppost imniżżel, minħabba li kien mar Mater Dei. Xehed li kien kemm xejn irrabjat għal Johanna Rubio u Jesmond Micallef, għaliex kieku kienu huma li marru Mater Dei, huwa ma kienx ser jikteb isimhom fuq il-karta tas-*CCTV*. Xehed li huwa xorta baqa' hemm jara is-*CCTV* ma' Valerie, għax ried juri li huwa kien qiegħed hemm biex jaħdem u biex jgħin. Qal li skont il-karta tas-*CCTV*, huwa kellu jkun isegwi l-*monitors*, bejn il-ħamsa u s-sebgħa, imma fil-verità, huwa kien hemm bejn is-siegħa u nofs u l-ħamsa ta' filgħodu flimkien ma' Valerie, u warajh, u ċioè bejn il-ħamsa u s-sebgħa ta' filgħodu, marret Johanna Rubio. Kompla jgħid li suppost kellhom bżonn *nurse* ieħor peress li kienu tliet *nurses*, u li huwa kien ġie msejjaħ għax kien hemm aktar minn għaxar pazjenti. Johanna Rubio kienet qaltlu li kellhom bżonn *nurse level one*, imma l-*management* qalulhom li ma kienx hemm biżżejjed *staff*.

Saħaq illi meta jkun hemm *level one*, fl-aħħar tax-xift min ikun fl-*level one supervision*, irid jimla l-formola bħala *record* tal-osservazzjoni *level one*. Huwa qal li għalkemm kien hemm ismu imniżżel fuq din il-formola, huwa ma melijhiex għax huwa ma kienx il-*level one nurse*, tant li ma setax ikun *level one nurse* u jintbgħat Mater Dei fl-istess *shift,* għax *level one nurse* irid ikun Mount Carmel, bejn is-sebgħa ta' filgħaxija u s-sebgħa ta' filgħodu. Saħaq illi Sally Hunt kienet kitbet ismu fuq dik il-formola tal-*level one nurse*, meta marru l-Pulizija dakinhar tal-inċident. Saħaq illi huwa kien għaraf il-kitba tagħha, għaliex huwa *Senior Nurse* u kien familjari mad-dokument li jiktbu fuqu n-*nurses*. Xehed li normalment, meta jkun hemm *level one nurse*, filgħodu meta jispiċċa ix-xift tiegħu, jiffirma din il-*form* biex juri li l-pazjent *level one*, kien qiegħed fi stat tajjeb, u saħaq li tali formula b'ismu, kienet falza, tant li Sally Hunt kienet skużat ruħha miegħu. Spjega li Hunt kienet qaltlu li xi ħadd mill-*management* kien ċemplilha, u qalilha li riedet timtela din il-formola, filwaqt li nsista li ma kienx hu li kiteb ismu fuq dik il-karta, u li kien ra dik il-formola wara li kien seħħ l-inċident.

Mistoqsi fuq dokument li kien juri ismu u l-ħin bejn il-ħamsa u s-sebgħa ta' filgħodu, huwa saħaq li l-firma ħdejn ismu, ma kinitx tiegħu, u xehed li sar jaf b'dan id-dokument, wara li wasal minn Mater Dei. Kien għalhekk li huwa kien irrabjat, għax huwa ma kienx suppost ġie mniżżel fuq din il-karta. Kompla jgħid li huwa telaq minn Mount Carmel fis-7:00am, meta dak il-ħin, Joseph Attard kien jidher rieqed minn fuq is-*CCTV*, imma meta saqsew lil Johanna Rubio, kienet qaltilhom li fil-5.30am, kien mar jistaqsi għal sigarett u għal kafè, filwaqt li kompla jgħid li staqsa lil Johanna Rubio għaliex hi kienet qiegħda tara s-*CCTV* bejn il-5:00am u 7:00am.

**<u>Kunsiderazzjonijiet Legali</u>**

Dwar l-imputazzjoni li biha qed jiġu akkużati l-imputati, din il-Qorti tagħmel referenza għas-segwenti ġurisprudenza:

Illi fis-sentenża mogħtija mill-Qorti Kriminali fl-ismijiet, **Il-Pulizija vs Perit Louis Portelli**, **deċiża fl-4 ta' Frar, 1961,** (u kkwotata fl-atti tal-Inkjesta Maġisterjali) il-kompjant Imħallef Flores stqarr:

> *"Hu mehtieg ghall-kostituzzjoni tar-reat involontarju skond l-art.239 (illum 225) tal-Kodici Penali illi tirrikorri kondotta volontarja negligenti konsistenti generikament f'nuqqas ta' hsieb f'("imprudenza"), traskuragni ("negligenza"), jew nuqqas ta' hila ("imperizja") fl-arti jew professjoni jew konsistenti specifikatament f'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti li tkun segwita b'ness ta' kawzalita' minn event dannuz involontarju;*
>
> *Ghandu jigi premess illi, ghall-accertament tal-htija minhabba f'kondotta negligenti, ghandu jsir il-konfront tal-kondotta effettivament adoperata ma' dik ta' persuna li s-sapjenza rumana identifikat mal-"bonus pater familias"; dik ilkondotta, cioe', illi fil-kaz konkret kienet tigi wzata minn persuna ta' intelligenza, diligenza u sensibilita' normali: kriterju dan li filwaqt li jservi ta' gwida oggettiva ghall-gudikant ihallieh fl-istess hin liberu li jivvaluta ddiligenza tal-kaz konkret. "La diligenza del buon padre di famiglia costituisce un criterio abbastanza indeterminato per lasciare al giudice gran liberta' di valutazione" (Giorgi, Teoria delle Obbligazioni, 11,27, p. 46)";*

Fl-Inkjesta Maġisterjali ġie wkoll ċitat, **Francesco Antolisei**, li fil-ktieb tiegħu, **Manuale di Diritto Penale, Parte Generale**, għamel referenza għal Carrara u jgħid hekk:

> *"Secondo la dottrina tradizionale che vanta origini antichissime e in questi ultimi tempi torna a prevalere, la colpa consiste nella prevedibilita' del risultato non voluto. Scrisse il Carrara: "La colpa si definisce la volontaria omissione di diligenza nel calcolare le conseguenze possibili e prevedibili del proprio fatto. Dicesi conseguenza prevedibile, perche' l'essenza della colpa sta nella prevedibilita'."*

Illi fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali, fl-ismijiet, **Il-Pulizija vs Richard Grech, deċiża fil-21 ta' Marzu, 1996**, (ukoll kwotata fil-proces verbal tal-Inkjesta Maġisterjali) ġie deċiż li jekk il-prudenza tikkonsisti f'illi persuna tagħmel dak li hu raġjonevolment mistenni minnha sabiex tipprevjeni l-konsegwenzi dannużi ta' għemilha, l-imprudenza, li hi n-negazzjoni ta' din il-virtù, tikkonsisti f'illi wieħed jagħmel avventatament ta' dawk l-affarijiet li hu messu ppreveda, li setgħu jikkaġunaw ħsara. It-traskuraġni mill-banda l-oħra timplika, ċerta non-kuranza, ċertu abbandun, kemm intellettiv, kif ukoll materjali. Fiż-żewġ każijiet, però, il-ħsara tkun prevedibbli, għalkemm mhux prevista, kieku kienet ukoll prevista, wieħed ikun qiegħed fil-kamp doluż, b'applikazzjoni tad-dottrina tal-intenzjoni pożittiva indiretta.

Illi, kif jispjega **Sir Anthony Mamo** fin-noti tiegħu, il-liġi ma tagħtix definizzjoni tal-frażijiet "nuqqas ta' ħsieb", "traskuraġni" u "nuqqas ta' ħila", iżda *"it is clear that by them the law means generally the absence of such care and precautions as it was the duty of the defendant to take in the circumstances."*

Illi għalhekk, sabiex jinstab il-ħtija għar-reat ta' natura involontarja, irid ikunu preżenti s-segwenti elementi:

1. azzjoni volontarja negliġenti, imprudenti u non-kuranti;
2. ness bejn l-azzjoni jew in-nuqqas tagħha u l-event dannuża;
3. l-element tal-prevedibbilità.

Illi fis-sentenza fl-ismijiet, **Il-Pulizija vs Omissis, Carol Bonnici u David Sant,** mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali, nhar is-6 ta' Jannar, 2021, ingħad:

> *Negligence occurs as a result of a person breaching a duty of care that is owed to another person, and the damage that consequently ensued was not too remote to that breach. In the medical context this naturally pertains to the relationship of the doctor and the patient. Here a breach is revealed once a doctor has descended below the recognised standards of practice on the clinical scale and consequently, by act or omission, inflicted some sort of detriment upon the patient. Specifically, the second limb of the test warrants that the detriment endured has a causal link to the negligent act. ... The law of negligence requires that for any claimant to succeed, the court must be satisfied that the defendant in question owed him a duty of care, that there was breach of duty by the defendant and finally the claimant's damages were as a result of the breach. ...*
>
> *Duty of care means that any single person must always take reasonable care so that he can avoid omissions and acts that he can foresee reasonably as likely to result to injury to his neighbor. In negligence law, a neighbor is that person who is directly and closely affected by one's act such that one is supposed to have him/her in contemplation to be affected when directing the mind to the omissions and acts in question. Standard of care must be proved by deciding whether the defendant in question owed the plaintiff a standard of care, the level of standard of care that the defendant owed the plaintiff and lastly, by determining whether another reasonable person in the same field like the defendant would do the same.*

Dan ifisser illi l-kulpa tirriżulta, kull meta l-kondotta mistennija taqa' taħt l-istandard meħtieġ minn dawk in-nies, imsejjħa biex jagħtu l-kura sanitarja, bħal ma huma l-infermiera. Illi dan l-istandard ta' kura jaqa' taħt dak il-livell mistenni, meta l-kondotta ommissiva tkun tali, li l-event dannuż kien prevedibbli, li kieku dak l-istandard intlaħaq. Illi l-imġieba mistennija minn kull ħaddiem fil-qasam sanitarju, hija marbuta mal-komportament mistenni, minn dawn in-nies imsejjħa biex jaqdu dmirhom fit-taqsima tas-saħħa, komportament allura li huwa uniku għal vokazzjoni tagħhom. Allura meta dak il-komportament jaqa' taħt il-livell mistenni minnhom ta' kura li trid tingħata, allura hemmhekk tirriżulta dik in-negliġenza, non-kuranza u nuqqas ta' prudenza li titkellem dwarha l-liġi.

Issir referenza wkoll għas-sentenza mogħtija minn din il-Qorti hekk kif diversament ippreseduta, fl-ismijiet, **Il-Pulizija (Spettur Paul Camilleri) vs -omissis- -omissis- -omissis, deċiża fid-29 ta' Mejju, 2024,** fejn intqal:

> *Dwar il-prevedibilita' tal-event dannuz fis-sentenza Il-Pulizija vs Joseph Grech (App. Nru. 140/2002) deciz fis-6 ta' Gunju 2003 per ilPrim Imhallef Vincent De Gaetano intqal:*
>
> *'Kwantu ghall-kwistjoni dwar il-prevedibilita' tal-event dannuz, huwa vera li ghal dak li jirrigwarda imprudenza jew negligenza generika (jew kif isejhilha Francesco Antolisei '….casi di colpa che deriva da inosservanza di usi sociali…' il-kriterju jew kejl ta'prevedibbilta' huwa wiehed importanti, anzi essenzjali'*
>
> *L-istess allura Imhallef Vincent De Gaetano fis-sentenza Il-Pulizija vs Tarcisio Fenech deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar is-26 ta' Marzu 1998 kien spjega s-segwenti dwar l-essenza tal-vera kolpa u qal:*
>
> *'L-esperjenza komuni jew l-esperjenza teknika- cjoe' l-esperjenza komuni tal-bnedmin kollha jew dik l-esperjenza ta' kategorija ta' nies li jesplikaw attivita' partikolari- tghallem li f'dawn il-kazijiet wiehed ghandu juza certi prekawzjoinijiet bil-ghan li jevita li linteressi ta' l-ohrajn jigu ippregudikati.'*
>
> *Fil-kawza Il-Pulizija vs Dorianne Camilleri, intqal:*
>
> *"In succint fuq skorta ta' awturi u gurisprudenza, t-trepod tal-kolpa gie definit bhala:*
>
> *1. la volontarieta dell'atto;*
>
> *2. la mancata previsione dell'effetto nocivo; u*
>
> *3. la possibilita di prevedere.*
>
> *Bhala konkluzzjoni tad-definizzjoni li din il-Qorti trid taghti lit-terminologija culpa, ghalhekk jibqa' dejjem li l-element taghha huwa volontarjeta' tal-att, in-nuqqas ta' previzjoni tal-effetti dannuzi ta' dak l-att u l-possibilta' ta' previzjoni ta' dawk leffetti dannuzi. Jekk l-effetti dannuzi ma kienux prevedibbli, hlief b'diligenza straordinarja li l-ligi ma tesigix u li semmai tista' ggib culpa*

*levissima li ma hiex inkriminabbli, ma hemmx htija. (vide Il-Pulizija vs John Vella deciza nhar il-15 ta' Dicembru 1958 mill-Qorti ta' lAppelli Kriminali)".*

*Il-gurist Francesco Carrara jghid hekk dwar il-culpa, "… il tripode sul quale si aside la colpa sara` sempre questo - 1° volontarieta` dell'atto - 2° mancata previsione dell'effetto nocivo - 3° possibilita` di prevedere."*

*Bl-istess mod, il-Professur Anthony J. Mamo, fin-noti tieghu, jghid hekk: "In these definitions the essence of negligence is made to consist in the "possibility of foreseeing" the event which has not been foreseen.*

*The agent who caused the event complained of, did not intend or desire it, but could have foreseen it as a consequence of his act if he only had minded: so his negligence lies in his failure to foresee that which is foreseeable".*

*Antolisei, izda jimxi pass 'il quddiem mill-insenjament tal-Carrara u ttejorija tal prevedibbilita ta' l-azzjoni meta iqies illi tirrizulta l-kolpa meta jkun hemm in-nuqqas ta' l-osservanza tar-regoli talkomportament, anki jekk l-event dannuz ma kienx wiehed prevedibbli u dan billi l-osservanza ta' dawn ir-regoli iwassal sabiex l-event dannuz ma isehhx u jghid hekk:*

*"Si tratta di regole di condotta volte a prevenire determinati accadimenti; tali regole possono essere sociali (negligenza imprudenza o imperizia) oppure giuridiche (regolamenti, ordini discipline). Quindi occorrono due requisiti: a) la violazione di una regola; b) che l'evento provocato sia esattamente quello che la norma voleva evitare. In definitiva il giudizio di rimprovero è un rimprovero per leggerezza, perché il soggetto non è stato cauto e diligente come doveva."*

*Awturi ohra bhal Mantovani u Padovani jabbinaw din ir-regola ta'lAntolisei mar regoli tal-prevedibbilita u l-inevitabbilita' biex b'hekk il-kulpa fil-fehma taghhom tinkwadra ruhha f'erba elementi:*

*1. un requisito oggettivo consistente nella violazione di una regola di condotta;*

*2. un requisito soggettivo, cioè la capacità di osservare tale regola;*

*3. l'evitabilità dell'evento mediante l'osservanza di tale regola;*

*4. la prevedibilità ed evitabilità, cioè che il soggetto avesse la capacità o la possibilità di tenere un comportamento diverso.*

*Fil-kawza Il-Pulizija vs Alexander Roger Manche intqal hekk:*

*"Illi l-imputat jinsab akkuzat kif diga inghad iktar 'il fuq bir-reat talomicidju involontarju. Illi madanakollu l-Qorti tistqarr illi dan il-kaz kien iktar kumpless minn kawzi ohra ta' reati ta' natura involontarja billi jitratta dwar allegat zball kommess minn professjonista fil-kors tal-ezercizzju tal-professjoni tieghu. Kwindi l-Qorti trid necessarjament tinvestiga mhux kwalsiasi eghmil maghmul minn bniedem fil-hajja ordinarja, izda eghmil ta' natura professjonali u lgrad ta' responsabbilta mistennija minn min ipprepara ruhu u ipprezenta ruhu biex jagixxi f'dik il-professjoni partikolari……. Illi rreat involontarju gie trattat b'mod kopjuz fil-gurisprudenza taghna u lelementi li isawwru dan ir-reat gew studjat funditus fejn gie spjegat ilkuncett tal-kulpa fil-ligi Maltija.*

*…Illi minn dina l-gabra ta' dottrina u gurisprudenza, jirrizultaw ghalhekk is-segwenti elementi essenzjali li iridu jissussistu sabiex tinstab htija ghar-reat ta' natura involontarja:*

*1. azzjoni volontarja negligenti, imprudenti u non-kuranti.*

*2. ness bejn l-azzjoni jew in-nuqqas taghha u l-event dannuza.*

*3. l-element tal-prevedibbilita'.*

*Illi stabbiliti dawn l-elementi legali, kwindi, din il-Qorti trid tara jekk l-imputat: 1. kienx negligenti, imprudenti u non-kuranti fl-agir tieghu. 2. jekk dana jirrizulta, jekk kienx hemm ness bejn dana l-agir tieghu u levent dannuz. 3. jekk il-hsara ki nitx wahda prevedibbli. Illi kif diga inghad mill-Qorti sabiex jigi ezaminat l-eghmil ta'l-imputat u jekk dana kienx negligenti, imprudenti u non kuranti dana irid necessarjament jigi studjat fl-ambitu tal-errur professjonali. Illi l-ligi taghna ma taghti l-ebda definizzjoni dwar l-grad ta' responsabbilta' li ghandu jigi ezercitat minn tabib jew kirurgu fl-esercizzju talprofessjoni tieghu. Illi l-gurisprudenza dejjem imxiet mar-regola illi mhux kull zball ta' natura professjonali jaqa' fir-relm tal-kulpa diment dana ma jkunx sehh minhabba negligenza, imprudenza jew non kuranza. Illi fis-sentenza hawn fuq iccitata Il-Pulizija vs Louis Portelli, l-Qorti Kriminali ghamlet referenza ghal dak stabbilit*

*millawtur Giovanni Cattaneo fit-tratta tieghu "La responsabbilta del professionista" fejn ighid:*

*"L'errore professionale … si ha quando la condotta risulti non obiettivamente adatta al caso concreto sebbene il professionista abbia agito diligentemente, facendo quanto gli suggerivano le conoscenza proprie del buon professionista della sua categoria; se poi, verificatosi l'esito negattivo, si sopre che la condotta per ottenere il risultato avrebbe dovuto essere diversa, nulla puo'rimproverarsi al professionista, che non era in grado di rendersene conto preventivamente."*

*Ikompli:*

*"Cosi' inteso, l'errore professionale e' allora in sostanza un comportamento tecnicamente errato ma non necessariamente colposo, che e' causa del mancato raggiungimento del risultato utile che mira il cliente. Il problema dell'errore proessionale viene percio' a coincidere con quello del nesso casuale tra inadempimento e danno. Infatti se il risultato infausto si verifica indipendentemente dal comportamento del professionista, manca il nesso casualita', che e' invece presente in caso di errore colpevole. Se cio' e' vero, il concetto di errore professionale risulta in sostanza inutile, perche' non aggiunge nulla al concetto di casualita' che e' lo stesso per ogni sorta di danno, anche al di fuori della responsabbilita'professionale … Si puo' solo notare che il nesso casuale si presenta sotto diverso aspetto, a seconda che l'esito della attivita' dipenda, oltre che dall'attivita' del professionista, da una serie di fatti naturali oppure da atti volontari di terze persone."*

*Illi fis-sentenza iccitata intqal:*

*"Kunsidrat f'dan l-aspett l-errur professjonali, il-Qorti taghmel taghha, ghall-apprezzament tal-provi ilkliem ta' Cogliolo (Teorie Delle Colpe, Vol,II, p.137):-*

*'Nelle professioni c'e tutto un campo insindicabile ed inespugnabile, ed e' quello che il diritto inglese chiama errore di giudizio. Il professionista cioe' di fronte ad un caso pratico, valuta le varie circostanze, e si forma un convincimento che poi i fatti successivi mostrano errato; di questo errore nessuno responde, se non e' fondato su evidenti errori di ricerca e di dottrina'."*

*Illi l-Imhallef Flores f'din is-sentenza ighallimna illi f'kaz tal-professjonista d-diligenza li dan ghandu jadopera hi dik ta' bniedem ordinarjament kompetenti*

*fil-professjoni tieghu. Jekk jiehu zball fil-professoni tieghu, huwa ma jirrispondiex ghad-danni jekk lizball ma jkunx grossolan u jekk tkun giet minnu adoperata d-diligenza*

*ordinarja li trid il-ligi. Huwa mhux tenut ghad-danni rizultanti minn zball professjonali, ammenocche' dana l-izball ma jkunx grossolan u ammenocche' l-htija ma tkunx tista' tigi lilu addebitata minhabba nuqqas ta' prudenza u attenzjoni ta' missier tajjeb tal-familja.*

*Fl-istess vena fis-sentenza Victor Savona pro.et.noe. vs Dr. Peter Asphar et gie deciz: "Mid-duttrina u mill-gurisprudenza fuq iccitata ghandu jigi ritenut li t-tabib mhux tenut ghad-danni rizultanti minn zball professjonali ammenokke dana l-izball ma jkunx grossolan, u ammenokke' il-hsara ma tistax tigi lilu addebitata minhabba nuqqas ta' prudenza, dilgenza u attenzjoni ta' 'bonus pater familias'."*

*Allura sa fejn tasal ir-responsabbilta' tat-tabib. Iwiegeb hekk ilLaurent: "Non e' possibile determinare in modo generale il limite delle responsabbilita' dei medici. Spetta al magistrato ravvisarle in ciascuno specie, secondo i fatti e le circostanze, che possono infinitamente variare, non perdendo mai di vista quel principio fondamentale che deve sempre servigli di guida, val dire che per aversi responsabbilta' professionale a d'uopo che taluno abbia comesso colpe non usando le volute vigilanze sopra se' medesimo o sui propri atti, o dando prova di ignoranza imperdonabile nell'esercizio della sua professione; spetta ai tribunali applicare questa massima con discernimento, lasciando alla scienza tutta la latitudine che si deve, ma accordando del pari alla giustizia a al diritto tutto quanto loro appartiene."*

*Ukoll l-Archbold jishaq:*

*"A physican or surgeon owes a duty to the patient to use diligence, care, knowledge, skill and caution in administering treatment, and the law requires not the highest or a very high standard, but a fair and reasonable standard of care and competence."*

*Illi abbinat ma' dan il-grad ta' responsabbilta', allura huwa hawnhekk illi jaghmel sens l-element tal-preveddibilita' rikjest fid-dritt penali.*

*Dana ghaliex l-professjonista li volontarjament huwa negligenti u imprudenti jista' jasal jikkaguna hsara li hija prevedibbli bhala konsegwenza ta'lazzjonijiet tieghu. U hawnhekk allura ikun hemm in-ness bejn l-azzjoni u l-event dannuz li jista' iwassal ghal htija……..*

*Fil-kawza House of Lords in Regina v. Adomako (Appellant) (On Appeal from the Court of Appeal (Criminal Division)) gie dikjarat:*

*"In cases of manslaughter by criminal negligence involving a breach of duty, it is a sufficient direction to the jury to adopt the gross negligence test set out by the Court of Appeal in the present case following Rex. v. Bateman 19 Cr.App. R.8 and Andrews v. DPP [1937] AC 576 and it is not necessary to refer to the definition of recklessness in R.-v. Lawrence [1982] A.C. 510, although it is perfectly open to the trial judge to use the word "reckless" in its ordinary meaning as part of his exposition of the law if he deems it appropriate in the circumstances of the particular case"; Lord Chancellor, Lord MACKAY OF CLASHFERN stated: ……The Court of Appeal held that except in*

*cases of motor manslaughter the ingredients which had to be proved to establish an offence of involuntary manslaughter by breach of duty were the existence of the duty, a breach of the duty which had caused death and gross negligence which the jury considered to justify a criminal conviction; the jury might properly find gross negligence on proof of indifference to an obvious risk of injury to health or of actual foresight of the risk coupled either with a determination nevertheless to run it or with an intention to avoid it but involving such a high degree of negligence in the attempted avoidance as the jury considered justified conviction or of inattention or failure to advert to a serious risk going beyond mere inadvertence in respect of an obvious and important matter which the defendant's duty demanded he should address;…… Like the Court of Appeal your Lordships were treated to a considerable review of authority. I begin with Rex. v. Bateman 19 Cr. App. R. 8 and the opinion of Lord Hewart C.J., where he said, at pp. 10-11: "In expounding the law to juries on the trial of indictments for manslaughter by negligence, judges have often referred to the distinction between civil and criminal liability for death by negligence.*

*The law of criminal liability for negligence is conveniently explained in that way. If A has caused the death of B by alleged negligence, then, in order to establish civil liability, the plaintiff must prove (in addition to pecuniary loss*

*caused by the death) that A owed a duty to B to take care, that that duty was not discharged, and that the default caused the death of B. To convict A of manslaughter, the prosecution must prove the three things above mentioned and must satisfy the jury, in addition, that A's negligence amounted to a crime. In the civil action, if it is proved that A fell short of the standard of reasonable care required by law, it matters not how far he fell short of that standard. The extent of his liability depends not on the degree of negligence but on the amount of damage done. In a criminal court, on the contrary, the amount and degree of negligence are the determining question. There must be mens rea."….. …. Next I turn to Andrews v. Director of Public Prosecutions [1937] A.C. 576 which was a case of manslaughter through the dangerous driving of a motor car. In a speech with which all the other members of this House who sat agreed, Lord Atkin said, at pp. 581-582: "….. In the present case it is only necessary to consider manslaughter from the point of view of an unintentional killing caused by negligence, that is, the omission of a duty to take care. ….. In my opinion the law as stated in these two authorities is satisfactory as providing a proper basis for describing the crime of involuntary manslaughter. …… On this basis in my opinion the ordinary principles of the law of negligence apply to ascertain whether or not the defendant has been in breach of a duty of care towards the victim who has died.*

*If such breach of duty is established the next question is whether that breach of duty caused the death of the victim. If so, the jury must go on to consider whether that breach of duty should be characterised as gross negligence and therefore as a crime. This will depend on the seriousness of the breach of duty committed by the defendant in all the circumstances in which the defendant was placed when it occurred. The jury will have to consider whether the extent to which the defendant's conduct departed from the proper standard of care incumbent upon him, involving as it must have done a risk of death to the patient, was such that it should be judged criminal."*

*Fis-sentenza Il-Pulizija vs Anthony Calleja, kaz illi kien jinvolvi infermiera akkuzat bl-omicidju involontarju ta' pazjent li ikkommetta suwicidju meta kien dikjarat li kellu jigi osservat u kontinwament imhares taht "level 1 constant watch", il-Qorti tal-Appell Kriminali irriteniet illi:*

*"L-artikolu 225 tal-Kap 9 jinkludi l-kelma 'negliġenza' u l-frażi 'nuqqas ta' ħarsien tar-regolamenti'. Skont il-Professur Mamo (Ara n-Noti tiegħu fl-Ewwel Parti – Notes on Criminal Law pages 69 and 70.): 'Now the words 'negligence, imprudence, carelessness' are not defined but it is clear that by them the law*

*means generally the absence of such care and precautions as it was the duty of the defendant to take in the circumstances… Now the question arises whether in the system of our Code it is essential, in order that there may be liability for a negligent offence, that the harm caused should have been foreseeable by the defendant. It would appear that the answer to this query should be in the affirmative.'*

*Wara li l-Professur jgħid li l-provvedimenti tagħna huma dawk tal-Kodiċi Taljan tas-sena 1898, il-Professur ikompli hekk: 'the words 'negligence' 'imprudence' and 'carelessness' are subjective facts. They connote the subjective attitude of the offender towards his acts and their consequences which prevents him from acquiring foresight and consciousness of them and but for which he could have acquired such foresight and consciousness.' Fin-noti u fis-sottomissjonijiet saret referenza għad-deċiżjoni 'Il-Pulizija vs Pawlu Spiteri et' tal-Qorti talAppell Kriminali tat-3 ta' Ġunju 1961. Dan il-każ kien dwar korriment f'barriera fejn is-sid inżamm responsabbli minħabba li ma kienx ħa ħsieb il-makkinarju. Il-Qorti qalet hekk:*

*'La darba n-negliġenza tkun 'gross and culpable' hija tagħti lok mhux biss għal responsabilita' ċivili imma anke kriminali.' F'każ ieħor tal-Qorti tal-Appell Kriminali (19 ta' Jannar 1963) 'Il-Pulizija versus Colonel Stephen J Borg', kien intqal hekk: 'In-negliġenza fis-sens tad-dritt kriminali għandha tkun such culpable negligence as to amount to criminal misconduct….."*

*Fis-sentenza l-aktar recenti li inghatat mill-Qorti tal-Appell nostrana flismijiet Il-Pulizija vs AA et. (Appell Nru. 412/2023), mhux ippublikata, deciz fit-08 ta' Marzu 2024 per Onorevoli Imhallef Edwina Grima u li din il-Qorti ha tikkwota in extensio minhabba li hawn ukoll kien hemm diversi tobba akkuzati, fost l-ohrajn taht lartikolu 225(1) tal-Kapitolu 9, il-Qorti irriteniet:*

*'Illi kif tajjeb osservat l-Ewwel Qorti l-liġi tagħna ma tipprovdiex disposizzjonijiet ad hoc li jirregolaw il-culpa fil-kamp professjonali, iżda dawn jaqgħu taħt id-dispożizzjonijiet ġenerali ta' dritt in materja, kif imħaddan fl-artikolu 225 tal-Kodiċi Kriminali. Dan magħdud, madanakollu, meta l-qrati ġew biex jaddottaw il-prinċipji ġenerali ta' dritt regolanti l-kunċett talculpa dejjem applikaw l-istess b'referenza mhux għal imġieba talbniedem ordinarju bħala dak tal-bonus paterfamilias, iżda għal dik l-imġieba mistennija mill-professjonista mediku, fil-kamp ta'speċjalizzazzjoni tiegħu. It-tripod tal-culpa, għalhekk, u ċioe' dak tal-volontarjeta' tal-kondotta negliġenti, in-nuqqas ta'*

*previżjoni tal-effetti dannużi konsegwenzjali għal dik l-imġieba, u lpossibbilita' ta' previżjoni ta' dawk l-effetti b'applikazzjoni ta' diliġenza ordinarja, irid jinkwadra ruħu fl-ambitu tal-eżerċizzju ordinarju tal-professjoni medika. Finalment din l-imġieba li ma timxiex skont l-istandards mistennija fl-prattika professjonali, trid tkun il-causa prossima tal-ħsara li tikkonsegwi, u għalhekk irid jkun ippruvat, u dan lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raġuni, n-ness bejn l-event dannuż (f'dan il-kaz il-mewt) u l-allegata imġieba kolpuża.*

*Dan ifisser illi l-professjonista li volontarjament huwa negligenti u imprudenti jista' jasal jikkaġuna ħsara li hija prevedibbli bħala konsegwenza ta' l-azzjonijiet tiegħu. U hawnhekk allura ikun hemm in-ness bejn l-azzjoni u l-event dannuż li jista' jwassal għallħtija. In-negliġenza medika tqum meta t-trattament ipprovdut minn professjonist tal-kura tas-saħħa jaqa' taħt l-istandard medika fir-rigward tal-istampa klinika li tkun qed tippreżenta ruħha, fejn allura, dik il-kura inferjuri tkun ikkawżat ħsara jew korriment.*

*Meta l-komportament tal-professjonista tal-mediċina imur lil hinn minn dak li huwa aċċettabbli fil-kamp tal-mediċina, dik l-imġieba doluża, li tista' tkun kemm ommissiva kif ukoll kommissiva, tissarraf f'responsabbiltà penali, imġieba li allura kellha tkun prevedibbli għall-mediku fl-eżerċizzju ordinarju tal-professjoni tiegħu...'*

*Tkompli tispjega dik il-Qorti:*

*'Illi allura l-Prosekuzzjoni kien jeħtiġilha tipprova li din l-ommissjoni fl-imġieba tal-ġudikabbli isarraf f'imġieba passiva u inattiva li hija evidenzjata minn nuqqas ta' azzjoni jew reazzjoni, u dan sabiex tirriżulta ir-reita'.*

*Illi b'żieda mal-ġurisprudenza kontinentali ċċitata mill-Ewwel Qorti, din il-Qorti tqies illi l-Qorti tal-Kassazzjoni fl-Italja għamlet osservazzjonijiet pertinenti f'każ analogu fejn pazjent li kien qed jippreżenta uġigħ fi spalltu, b'storja ta' problemi kardjovaskolari, miet b'attakk tal-qalb wara li ma sarux l-aċċertamenti meħtieġa u eżamijiet mediċi marbuta mal-kundizzjoni kardjovaskolari tiegħu, bit-tabib sottopost għall-ġudizzju penali jikkonkludi f'żewġ viżti illi l-uġigħ kien attribwibbli għal infjammazzjoni muskolari.*

*Hemm is-segwenti insenjament f'din is-sentenza ta' l-errur professjonali:*

*"Le Sezioni unite, con impostazione sostanzialmente confermata dalla giurisprudenza successiva, hanno enucleato, per quanto, attiene alla*

*responsabilità professionale del medico, relativamente al profilo eziologico, i seguenti principi di diritto: il nesso causale può essere ravvisato quando, alla stregua del giudizio controfattuale, condotto sulla base di una generalizzata regola di esperienza o di una legge scientifica – universale o statistica -, si accerti che, ipotizzandosi come realizzata dal medico la condotta doverosa, l'evento non si sarebbe verificato, ovvero si sarebbe verificato ma in epoca significativamente posteriore o con minore intensità lesiva. Non è però consentito dedurre automaticamente dal coefficiente di probabilità espresso dalla legge statistica la conferma, o meno, dell'ipotesi accusatoria sull'esistenza del nesso causale, poiché il giudice deve verificarne la validità nel caso concreto, sulla base delle circostanze del fatto e dell'evidenza disponibile, cosicché, all'esito del ragionamento probatorio, che abbia altresì escluso l'interferenza di fattori eziologici alternativi, risulti giustificata e processualmente certa la conclusione che la condotta omissiva del medico è stata condizione necessaria dell'evento lesivo con "alto grado di credibilità razionale".*

*L'insufficienza, la contraddittorietà e l'incertezza del riscontro probatorio sulla ricostruzione del nesso causale, quindi il ragionevole dubbio, in base all'evidenza disponibile, sulla reale efficacia condizionante della condotta del medico rispetto ad altri fattori interagenti nella produzione dell'evento lesivo, comportano la neutralizzazione dell'ipotesi prospettata dall'accusa e l'esito assolutorio del. giudizio (Sez. U. 10.7.2002, Franzese).*

*Ne deriva che, nelle ipotesi di omicidio o lesioni colpose in campo medico, il ragionamento controfattuale deve essere svolto dal giudice in riferimento alla specifica attività che era specificamente richiesta al sanitario e che si assume idonea, se realizzata, a scongiurare o ritardare l'evento lesivo, come in concreto verificatosi, con alto grado di credibilità razionale (Cass.,Sez.4,n. 30649 del 13-6-2014, Rv. 262239).*

*Sussiste, pertanto, il nesso di causalità tra l'omessa adozione, da parte del medico, di misure atte a rallentare o bloccare il decorso della patologia e il decesso del paziente, allorché risulti accertato, secondo il principio di controfattualità, condotto sulla base di una generalizzata regola di esperienza o di una legge scientifica, universale o statistica, che la condotta doverosa avrebbe inciso positivamente sulla sopravvivenza del paziente, nel senso che l'evento non si sarebbe verificato ovvero si sarebbe verificato in epoca posteriore o con modalità migliorative, anche sotto il profilo dell'intensità della sintomatologia dolorosa ( Cass., Sez. 4, n. 18573 del 14-2-2013, Rv. 256338).*

*.... è noto infatti che in tema di responsabilità medica, è indispensabile accertare il momento iniziale e la successiva evoluzione della malattia, in quanto solo in*

*tal modo è possibile verificare se, ipotizzandosi come realizzata la condotta dovuta dal sanitario, l'evento lesivo sarebbe stato evitato o differito (Cass., Sez. 4, n. 43459 del 4-10-2012, Rv. 255008);" '*

*Dik il-Qorti tkompli tamplifika f'pagna 24 tas-sentenza:*

*'Dan ma jfissirx, madanakollu, illi għaliex kien hemm missed diagnosis, awtomatikament dan għandu jsarraf f'responsabbiltà penali, u li għalhekk dan in-nuqqas jaqa' fir-relm tal-culpa. Biex dan iseħħ irid jkun hemm provi, lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raġuni, li t-tobba kuranti l-minuri aġixxew b'negliġenza, bi traskuraġini u non-kuranza, f'livell li jaqa' ferm 'il bogħod mill-istandards mistennija minn min hu imsejjaħ biex jeżerċita l-professjoni medika, f'dan il-każ fl-ispeċjalizzazzjoni tal-pedjatrija'.*

**Ikkunsidrat:**

Dan il-każ jitratta mewt ta' pazjent rikoverat f'Monte Carmeli, ċertu Joseph Attard. Illi mix-xhieda prodotta rriżulta, li filwaqt li wħud mix-xhieda stqarrew li Joseph Attard kien ordnat *level one supervision*, oħrajn xehdu li ma kien hemm l-ebda ordni biex jingħata attenzjoni akbar. Mill-*file* mediku ta' Joseph Attard irriżulta, li mill-14 ta' Ġunju, 2018, sal-15 ta' Ġunju, 2018, Joseph Attard mhux biss kellu jkollu *level one supervision*, u ċioè superviżjoni kontinwu u individwali, iżda ulterjorament, kellu jitpoġġa ġo *ward* separata sabiex ikun jista' jingħata aktar attenzjoni.

Fuq dan il-punt, u anke in linea ma dak li xehdet Sally Hunt, jirrizulta li infermiera sabiex ilaħqu mal-pazjenti kollha, ma kienx hemm, u kienu tħallew erba' (4) infermiera matul il-lejl, ilaħqu ma' numru konsiderevoli ta' pazjenti, bejn 10 jew 15/16 -il pazjent. Filfatt, fit-22 ta' Ġunju, 2021, Sally Hunt qalet hekk:

*... at half past five (5:30) that evening, another Senior Doctor, Dr Krissie Low came to see the patient at give o'clock (5:00) and he decided to section the patient which means put him in a section under the mental .... on a schedule two (2) which is an observation order but he also allowed for us to give the patient an injection, against his will, as an emergency because he would been refusing all his tablets for weeks on and off ... The Doctors decided that patient needed*

*removing from 8B. He needed to be in a secure unit. He needed to be secluded in a small space where he could be observed. However, bad management and the Senior Nursing Manager, there was no space for the patient in the secure units, they could take for ... to move. Also, I may emphasise that at the time there was another patient in the Ward, sorry, I can call him Taplawsi, nickname of another patient, he is known to the Courts was extremely violent on the same day and wanted to go for this other patient Joseph Attard ...*

...

*Yes and they asked the question, who are we looking after. I said both of then ... .... other. So you just after observe them, monitor frequently. Observe whether the injection is working for Joseph and observe whether George, because potentially he is violent towards Joseph. But there was shortage of staff. One, the bad management, the SNO Office could not provide anybody for Level 1 anyway and anyway it was useless because you could not sit next to the patient because he was on the go everywhere and George was after him. So it was useless anyway. But then we did need another nurse because Jessie was called, I believe to the hospital. Another patient had to go to the hospital so they left three nurses on the unit for sixteen (16) patients who potentially were all violent ...*

Ulterjorament, il-Qorti tagħmel referenza għax-xhieda ta' John Farrugia, mogħtija waqt l-inkjesta, li spjega li *level one supervision* ma setgħetx tiġi koperta fix-*shift* ta' filgħodu, għaliex ma kellux *staff* biżżejjed, filfatt huwa jgħid:

*"Dak inhar dhalt xoghol, bqajt diehel biex nara x'ghandi nurses on duty. Sirt naf li ghandi tlett (3) nurses biss on duty u bdejt ir-rutina. Fuq il-level one ghandna policy li ghadha kif giet ippublikata mill-management tal-isptar u mbaghad kellna meeting mad-Direttur tan-Nursing li nfurmatna li biex jikkoverjaw il-level one, qed jimpjegaw ghoxrin nurse kuljum biex jikkoverjaw il-level one tal-isptar ghalkemm dakinhar il-persuna zejda ma gietx."*

Irriżulta li s-sala in kwistjoni, kienet qed topera b'nuqqas ta' *staff*, li kien qed joħloq diffikultajiet lill-i*staff* preżenti biex ilaħħqu mad-doveri tagħhom. Mill-inkjesta

irriżulta wkoll, li mill-*Log Sheet* a fol 107, fis-*shift* tal-lejl mill-14 ta' Marzu sal-15 ta' Marzu, l-infermiera li kellhom jimmonitorjaw lil Joseph Attard, kienu s-segwenti:

i. Jesmond Micallef bejn il-11:00pm sas-1:00am;
ii. Valentina sive Valerie Bezzina bejn is-1:00am sat-3:00am;
iii. Marie Johanna Rubio bejn it-3:00am sal-5:00am;
iv. Jessie Valentino Poquiz bejn il-5:00am sas-7:00am.

Minkejja li kien hemm l-ordni ta' *level one supervision*, tali *supervision* ġiet eżegwita b'mod, ċertament mhux skont dak li teżiġi s-sengħa u l-arti, billi sar *monitoring* minn kamra oħra, tramite *CCTVs*. Jidher iżda, li kull min kien addett li jieħu ħsieb lill-pazjent in kwistjoni, adopera dan il-metodu. In parentesi, jingħad li din il-Qorti taqbel ma' dak li ġie ssuġġerit mill-Maġistrat Inkwirenti, fis-sens li ġie rrakkomandat lill-Ministeru konċernat, sabiex jevalwa l-proċedura tal-*constant watch*, kif kienet titħaddem meta seħħ dan il-każ u bħalissa, u fejn jirriżulta li din mhux qed tkun segwita, jittieħdu l-passi dixxiplinarji neċessarji.

Issa minn eżami tal-filmati tac-*CCTVs*, u anke minn eżami tad-dokumenti eżebiti, irriżulta li waqt il-ħin li ġie maqbul li l-imputati kellhom jissorveljaw lill-vittma, il-vittma sofriet minn *fits*. Dan irriżulta li seħħ f'dawn il-ħinijiet:

> Fir-rigward ta' Valentina Bezzina, din kienet qiegħda tissorvelja lill-pazjenti bejn is-1:00am u it-3:00am. Irrizulta li Joseph Attard kellu fits bejn 1:38.50am tal-15 ta' Marzu 2018 li damu ghaddejin sa 01:44:41am.

Nonostante dan, din il-Qorti tqis li l-Prosekuzzjoni naqset li tressaq il-prova tan-ness ta' kawżalità bejn il-mewt ta' Joseph Attard u l-*fits* li huwa jidher li sofra waqt li kien qed jiġi ssorveljat minn Valentina Bezzina. In fatti, wara li sofra minn dawn il-*fits*, u aktar tard dakinhar stess, Marie Johanna Rubio, li kienet skedata li tkun tissorvelja lill-pazjent bejn it-3 ta' filgħodu u l-ħamsa ta' filgħodu, xehdet li f'dan il-perijodu ta' ħin, il-vittma kien qam, kien talabha sigarett u kien qalilha li kien iħossu sew, wara li ġie mistoqsi minnha dwar kif inhu.

Din il-Qorti tirribadixxi, li meta Joseph Attard sofra minn *fits*, kien jinkombi fuq min kien responsabbli li qed jissorveljah, li jara kif kien u kif seta' jgħinu. Madanakollu,

il-fatt innifsu li dan sofra minn *fits*, ma jfissirx b'daqshekk li kienu proprju dawn il-*fits* li waslu għal mewt tiegħu. Il-Prosekuzzjoni ma ressqet lill-ebda wieħed mill-esperti maħtura fl-Inkjesta Maġisterjali, biex jispjegaw jekk setax ikun hemm ness ta' kawżalità bejn il-mewt ta' Joseph Attard u dawn il-*fits.* Din il-Qorti mhijiex qorti ta' l-assunzjonijiet, iżda trid tistrieħ fuq provi konkreti. Għaldaqstant, din il-Qorti ma tqisx li ġew ippruvati l-elementi kollha meħtiega, biex din l-imputazzjoni tirriżulta ppruvata fil-konfront ta' Valentina Bezzina.

Fir-rigward tal-imputat l-ieħor, u cioè Jessie Valentino Poquiz, din il-Qorti tqis li lanqas din l-imputazzjoni ma rriżultat ippruvata lil hinn minn kull dubju raġjonevoli. Dana qed jingħad, in vista ta' diversi fatturi li joħolqu dubji fil-konvinċiment ta' din il-Qorti, dwar din l-imputazzjoni mressqa kontra Jessie Valentino Poquiz. Poquiz għazel li jixhed, kemm waqt l-Inkjesta Maġisterjali, u kif ukoll *viva voce* quddiem din il-Qorti. Huwa dejjem sostna l-istess verżjoni, u ċioè li huwa kien issorvelja lil Joseph Attard tramite l-*monitors*, bejn is-1.30am sal-4.00am. In fatti, meta waqt l-inkjesta ġie mistoqsi dwar ix-*shift* tiegħu, huwa ddeskriva x'ra minn fuq il-*monitor* dak il-ħin, liema deskrizzjoni irriżulta li hija eżatt bħal dak ta' *CCTV* fil-ħin indikat minn Poquiz.

Poquiz spjega wkoll li dakinhar, kien akkumpanja pazjent l-Isptar Mater Dei u għalhekk, mhux suppost kellu jiġi mniżżel fil-*log* tal-*monitoring* mis-*CCTVs*, iżda meta rritorna lura minn Mater Dei, huwa sab li ismu kien ġie mniżżel f'din il-lista. In fatti, fuq Dok C a fol 107 tal-proċess, għalkemm hemm ismu mniżżel, Poquiz spjega li huwa ma ffirmax fejn hemm ismu, u li l-firma li hemm fuq dan id-dokument mhijiex tiegħu. Huwa nsista li għamel il-*monitoring* għal ċertu ħin ma' Valentina Bezzina u mbagħad waħdu, sakemm imbagħad kompliet il-*monitoring* wara l-4.00am, Johanna Rubio. Apparti minn hekk, meta ġie muri Dok D a fol 106 tal-proċess, Poquiz spjega li dan id-dokument ma ġiex mimli minnu, peress li tali dokument kellu jimtela mil-*level one nurse*. Huwa nsista li huwa ma kienx il-*level one nurse* dakinhar. Insista wkoll li dan id-dokument kien ġie mimli minn Sally Hunt, u mhux minnu, peress li l-kitba fuq dan id-dokument ma kinitx il-*handwriting* tiegħu. In oltre, fuq wara ta' Dok D a fol 106, kellu jkun hemm il-firma tal-*level one nurse*, iżda f'dan id-dokument, ma hemm l-ebda firma. Il-Perit Legali maħtur fl-inkjesta, serraħ fuq dan id-dokument, meta sostna li Poquiz kien għalhekk qiegħed jagħmel *monitoring* tal-vittma, bejn il-5.00am u s-7.00am. Madanakollu, din il-Qorti tqis li dawn in-nuqqasijiet, fid-dawl tax-xhieda mogħtija minn Poquiz innifsu bil-ġurament f'żewġ okkażżjonijiet separati (u ċioè waqt l-inkjesta u waqt din il-kawża) ma jwasslux għal dik il-prova lil hinn minn kull dubju raġjonevoli, li verament Poquiz kien qiegħed jagħmel *monitoring* tal-vittma, bejn il-5.00am u s-7.00am.

F'dan l-istadju, din il-Qorti tissenjala dak li ntqal minn Lord Denning, fil-kawża, "**Hucks vs Cole" deċiża fl-1968**:

> *"A charge of professional negligence against a medical man was serious. It stood on a different footing to a charge of negligence against the driver of a motor car. The consequences were far more serious. It affected his professional status and reputation. The burden of proof was correspondingly greater. As the charge was so grave, so should the proof be clear. With the best will in the world, things sometimes went amiss in surgical operations or medical treatment. A doctor was not liable for mischance or misadventure, or for an error of judgment. He was not liable for taking one choice out of two or of favouring one school rather than another. He was liable when he fell below the standard of a reasonably competent practitioner in his field so much so that his conduct might be deserving of censure or inexcusable."*

In oltre, anke li kieku din il-Qorti kellha tqis, li għall-grazzja tal-argument, Poquiz kien qed jissorvelja dawn il-*monitors* bejn il-5.00am u s-7.00am, xorta jibqa' n-nuqqas tal-prova tan-ness ta' kawżalità, bejn il-*fits* li seħħew fil- 5:12:20am, tal-15 ta' Marzu, 2018, u l-mewt ta' Joseph Attard. Jerġa' jiġi osservat li ma tressqux l-esperti medici biex jispjegaw kif dawn il-*fits* setgħu kellhom x'jaqsmu mal-mewt ta' Joseph Attard. Dan mhuwiex każ fejn il-vittma nstabet mejta fl-Isptar Monte Carmeli. In fatti rriżulta b'mod ċar, li l-vittma ttieħdet bl-ambulanza ħin wara li soffriet minn dawn il-*fits*. Irrizulta li Joseph Attard kien għad kellu polz dgħajjef u li ttieħed l-Isptar Mater Dei, fejn sfortunatament ftit ħin wara, miet. Din il-Qorti ma għandhiex quddiemha każ, fejn il-vittma nstabet mejta fl-isptar fejn kienet rikoverata, jew li kellha inċident traġiku li ħalliha mejta fuq il-post, jew każ ta' vittma li għamlet suwiċidju. F'dan il-każ, l-uniku indikazzjonijiet huma, li Joseph Attard kien għaddej minn atteġġjament stramb, u li kien ġie rrakkomandat li jitpoġġa f'sala iżgħar, biex ikun iktar sigur u jkun superviżjonat, kif ukoll li matul il-lejl bata minn xi *fits*.

In oltre, mill-i*stills* ippreżentat mill-Espert maħtur fl-Inkjesta Maġisterjali, Dr. Martin Bajada, il-Qorti tinnota li Joseph Attard dar rasu l'isfel fuq is-sodda fil-5:12:26am, u ingħata l-ewwel għajnuna fil-8:40:07am. Għalhekk kien hemm ukoll trapass ta' ħin, qabel ma' ngħatat l-ewwel għajnuna lill-vittma.

Fid-dawl ta' dan kollu, din il-Qorti ma tistax tassumi li kienu proprju dawn il-*fits* li wasslu għal mewt tal-vittma. Dik il-prova baqgħet qatt ma tressqet mill-Prosekuzzjoni, u ġjaladarba jeżistu dawn id-dubji, kwalsiasi dubju għandu jmur a favur l-imputati f'dan il-każ.

**Decide**

**Għaldaqstant, wara li rat l-Artikoli tal-Liġi, u ċioè l-Artikoli 17, 31, 533 u 225(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, tiddikjara li ma ssibx lill-imputati Valentina Bezzina u Jessie Valentino Poquiz ħatja tal-akkuża miġjuba fil-konfront tagħhom, u tilliberhom minn kull imputazzjoni u piena.**

**Maġistrat Dr. Simone Grech**

**Janet Calleja**
**Deputat Reġistratur**